2024/1805

25.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/1805

tal-24 ta' Ġunju 2024

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 tipprevedi perjodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) tagħha.

(3) Fit-18 ta' Novembru 2022, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2276 ([2]) estendiet il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 bi tlettax-il xahar, sat-23 ta' Jannar 2024.

(4) Fis-16 ta' Jannar 2024, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/330 ([3]) estendiet il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'sitt xhur oħra, sal-21 ta' Lulju 2024.

(5) L-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) talbet estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'sitt xhur addizzjonali, sal-21 ta' Jannar 2025, meta jitqies id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġett skont id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 minħabba l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna.

(6) Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 sal-21 ta' Jannar 2025 tista' titwettaq mingħajr ebda konsegwenza fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.

(7) Filwaqt li jitqies dan ta' hawn fuq, it-talba għal estensjoni jenħtieġ li tiġi aċċettata billi d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-21 ta' Jannar 2025.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2009 tat-2 ta' Diċembru 2019 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (ĠU L 312, 3.12.2019, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2276 tat-18 ta' Novembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (ĠU L 300, 21.11.2022, p. 42).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/330 tas-16 ta' Jannar 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (ĠU L, 2024/330, 17.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/330/oj).